MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 2181/1998/3

*Marsovin Ltd.*
*vs*
*Nick Wearden Murphy ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' European Consortium Limited, kif ukoll f' ismu proprju bhala garanti solidali mal-istess socjeta'*

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet: illi s-socjeta' konvenuta u l-konvenut proprio Nick Wearden Murphy, bhala garanti solidali mal-istess socjeta' ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef, erba mij u sitta u hamsin lira Maltija, sitta u sebghin centezmu u tmin millezmi (LM 4456.76c8), import ta' restituzzjoni ta' self lilhom maghmul skond skrittura tal-1 ta' Dicembru, 1993 (Dok. B), u liema self sar restitwibbli ghax is-socjeta' konvenuta ittrasferiet l-azjenda Dione's Pub, Upper Bugibba Road, St. Paul's Bay lil terzi,

u dana għat-tenur tal-art. 7 tal-istess skrittura, bilanc ta' somma akbar, liema dejn hu cert likwidu u skadut;

Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta u Nick Wearden Murphy l-konvenut proprio, bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta, m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra it-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghidu ghalhekk il-konvenut noe u proprio ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lil konvenut noe u lill-konvenut proprio solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef, erba mija u sitta u hamsin lira Maltin, sitta u sebghin centezmu u tmin millezmi (LM 4456.76c8) bilanc ta' somma akbar, import ta' restituzzjoni ta' self, kif fuq intqal u ghar-ragunijiet fuq dedotti, flimkien mal-imghax tat-8% mid-data tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Far 1998.

Bl-ispejjez komprizi LM11 ta' zewg ittri interpellatorji kontra l-konvenut noe u proprio – li jibqa' ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok u qabel ma tkun tista' tkompli dina l-kawza ghandhom jithallsu l-ispejjez u drittijiet tal-kawza ta' ritrattazzjoni fl-ismijiet: "Nick Wearden Murphy et vs Marsovin Limited" (Citazz 1869/99) deciza fil31 ta' Jannar 2000;
2. Illi, preliminarjament ukoll, il-konvenut personalment ghandhu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi huwa qatt ma messu gie citat personalmnet fil-

kawza odjerna in vista tal-fatt illi l-ftehim tal-ewwel (1) ta' Dicembru 1993 ma jipprevidix obbligazzjoni "in solidum" in kwantu ghad-debitur, kif regolata bl-artikoli 1094 sal artikolu 1109 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) imma li l-konvenut semplici jiggarantixxa personalment flimkien mal-kumpanija l-obbligi naxxenti mill-istess skrittura privata;

3. Illi wkoll minghajr ebda pregudizzju ghal premess, fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda "discontinuance of the operation or transfer of the premises by the client to third parties", kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;

4. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghal premess, l-ammont mitlub mhux kollu huwa dovut;

Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti tal-kawza inkluz l-affidavit prezentat;

Rat li fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi t-talba attrici hija bazata fuq skrittura privata redatta bejn is-socjeta' attrici u Nick Wearden Murphy "for and on behalf of European Consortium Ltd." propretarja ta' Dione's Pub Upper Bugibba Road St.Paul's Bay,li permezz taghha din il-kumpanija irceviet self ta' Lm8,000 in konsiderazzjoni tal-obbligu minnha assunt li tbigh fuq basi esklusiva prodotti tas-socjeta' attrici

Illi skond il-klawsola numru sitta [6] jekk il-kumpanija konvenuta "shall be in breach of the terms of this Agreement, the Company [attrici] shall be entitled to discontinue all discounts and demand any discounts already allowed from the date of this Agreement in addition to the full repayment of any balance outstanding

on the sum advanced on this Agreement”[1]; u l-klawsola numru seba [7] taqra hekk: “In the event of discontinuance of the operation or transfer of the premises by the client to third parties, the Company shall be entitled to terminate the Agreement by requesting payment of the balance of the sum advanced/loaned which remains unpaid as aforestated.”[2]

Illi fil-klawsola numru tmienja [8] hemm espressament stipulat: “The Grantor/appearer Mr.Nick Wearden Murphy hereby binds himself to guarantee the obligations assumed by the Client ie. European Consortium Ltd personally and is[in] solidum with said Company.”

Din l-iskrittura hija ffirmata minn Direttur ghan-nom tas-socjeta’ attrici minn naha wahda, u minn naha l-ohra minn “Mr.Nick Weardon Murphy and as Guarantor for and on behalf of European Consortium Ltd.”

Illi attrici s-socjeta’ qeda issostni li s-socjeta’ konvenuta “ittrasferiet l-azjenda ta’ Dione’s Pub, Upper Bugibba Rd. St.Paul’s Bay lil terzi..”[3] u ghalhekk kissret il-kondizzjonijiet tal-ftehim, bir-rizultat li jigi fis-sehh dak kontemplat fil-klawsola seba [7] fuq citata. A bazi ta’ dan is-socjeta’ attrici qeda titlob minghand il-konvenuti il-pagament tal-bilanc ta’ Lm4,456.768 skond kopja tas-sales ledger account minnha esebita.[4] Dawn il-fatti gew konfermati minn Margaret Calleja f’ affidavit anness mal-att tac-citazzjoni.

Illi fl-udjenza tas-27 ta’ April 2000 il-konvenut permezz tad-difensur tieghu ta’ ruhu b’ nofiikat, u fis-16 ta’ Mejju 2000 ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet f’ ismu personali. Ghalhekk is-socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci.

Illi l-ewwel eccezzjonijiet tal-konvenut proprio huma ta’ natura preliminari. L-ewwel wahda hija fis-sens li l-kawza ma tistax titkompla peress li ma kienux ghadhom thallsu l-

---

[1] Dok.B – Fol.6
[2] Ibid.
[3] Affidavit Margaret Calleja – Fol.3
[4] Dok.C – Fol.7

ispejjez u d-drittijiet tal-kawza ta' ritrattazzjoni [citaz. 1869/99] deciza fil-31 ta' Jannar 2000. In propositu, din il-Qorti tikkondividi pienament is-sottomissjoni tad-difensur tas-socjeta' attrici[5] li ma hemm xejn fil-ligi li jghati konfort lil din it-tesi li ghalhekk, in mankanza ta' sostenn legali qeda tigi respinta.

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut isostni li huwa personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li skond hu "il-ftehim tal-ewwel [1] ta' Dicembru 1993 ma jipprevidix obbligazzjoni in solidum in kwantu ghad-debitur, kif regolata bl-artikoli 1094 sal-artikolu 1109 tal-Kodici Civili… imma li l-konvenut semplici jiggarantixxx personalment flimkien mal-Kumpanija l-obblig naxxenti mill-istess skrittura privata".[6]

Illi in tema legali huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet. Illi s-solidarjieta' ma tistax tigi prezunta. Jekk ma tkunx ddikjarata mill-ligi, ghandha tkun miftiehma espressament [Art.1089]. L-obbligazzjoni hija in solidum ghad-debituri meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b' mod li kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu, u li l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur [Art.1094].

Rigward il-kuncett tal-garanzija, il-ligi tiddisponi li l-garanzija huwa kuntratt li bih wiehed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wiehed iehor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu [Art.1925]. Fi hwejjeg tal-kummerc, meta ma jkunx hemm ftehim xort' ohra, il-garanti jitqies dejjem li hu obbligat in solidum mad-debitur [Art.1941]; u l-beneficju tal-eskussjoni ma jghoddx jekk il-garanti jkun obbliga ruhu in solidum mad-debitur [Art.1935 (b)].

Illi il-premessi prinicpji legali applikati ghal kaz odjern ma jhallu ebda dubbju li l-konvenut Nick Weardon Murphy fl-imsemmi skrittura intrabat bhala garanti lejn is-socjeta' attrici li jossdisfa l-obbligazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta jekk din tonqos mill-obbliga kontrawwali taghha, u

[5] Registrata in iscriptum fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2001 Fol.39
[6] Fol.34

ghalhekk inkluz il-pagament tal-bilanc dovut f' kaz li l-kumpanija konvenuta tikser il-ftehim, liema kumpanija incidentalment kienet rappresentata minnu istess. Inoltre, ir-rabta kontrawali espressa bhala garanti in solidum da parti ta' dan il-konvenut tirrendi applikabbli fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1925 u 1935[b], b' tal mod li l-attrici kreditrici ghandha dritt titlob l-pagamment tal-imsemmi bilanc direttament minghand dan il-konvenut <u>personalment</u>.

Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni hija insostenibbli u qeda tigi michuda.

Illi fit-tielet eccezzjoni tieghu dan il-konvenut qed jichad li kien hemm *"discontinuance of the operation or transfer of the premises by the client to third parties"*[7]. Fi kliem iehor, qed jirribatti dak li qalet Margaret Calleja fl-affidavit taghha li s-socjeta' konvenuta ttrasferiet l-azjenda lil terzi, u qed isostni li ma hemm ebda ksur tal-klawsola 7 tal-imsemmi ftehim. Inoltre, fir-raba eccezzjoni qed isostni li mhux l-ammont kollu mitlub huwa dovut.

Illi in propositu l-Qorti tosserva li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u *quod gratis asseritur gratis negatur*. Fil-kaz odjern is-socjeta' attrici qeda tibbaza l-pretensjoni taghha fuq allegat ksur tal-ftehim u precisament l-klawsola numru 7. L-istess socjeta' qed issostni li kien hemm trasferiment tal-azjenda da parti tas-socjeta' konvenuta lil terzi. L-unika prova li gabet f' dan ir-rigward hija l-affidavit ta' Margaret Calleja li, apparti milli ghamlet din l-asserzjoni, <u>ma tatx ebda informazzjoni ulterjuri u ma gabet ebda provi ohra in sostenn ta' dan il-fatt minnha asserit</u>.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi, il-kuntrast li sar minn naha tal-konvenut proprio li fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu sostna, fit-termini fuq citati, li ma kienx hemm ksur tal-ftehim, jinnewtralizza l-forza probatorja tal-allegazzjoni guramentata ta' Margaret Calleja, bil-konsegwenza li s-socjeta' attrici naqset li ggib provi sodisfacenti in sostenn

[7] Fol.34

tal-premessi li fuqhom ibbazat it-talba taghha li ghaldaqstant ma tistax treggi minhabba insufficjenza ta' prova.

Illi huwa principju gurisprudenzjali sod[8] li f' kaz ta' zewg versjonijiet dijametrikalment konfliggenti dan ghandu jiffavorixxi lill-konvenut in kwantu huwa l-obbligu tal-attur li jipprova sodisfacentement l-allegazzjoni tieghu, u in mancanza, treggi l-massima "*actor non probante, reus absolvitur*" jew ir-regola l-ohra inversa "*reus in excipiendo fit actor*". Fid-dawl tad-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut li rribatta ghall-asserzjoni guramentata ta' Margaret Ellul, is-socejeta' attrici kellha l-oneru li tissostanzja b'aktar provi l-allegazzjoni taghha. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi milqugha; u konsegwentement mhux il-kaz li tippronunzja ruhha fuq ir-raba eccezzjoni rigwardanti l-ammont mitlub.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-tielet eccezzjoni, u tichad it-talbiet attrici. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba eccezzjoni.

L-ispejjez tal-ewwel u tat-tieni eccezzjoni ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jibqghu a kariku tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[8] Vide fost ohrajn, App.Inf.[PS] deciza 22.11.2002 *Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et.*